14 ta' Novembru, 1949.

Imhallef :

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Eliża Cesareo et.

**Rekwiżizzjoni — Rappreżentanza Ġudizzjarja — Art. 19 tal-Housing Act, 1949.**

*Ghalkemm il-Housing Act, 1949, jippermetti, taht certi kondizzjonijiet, ir-rappreżentanza ġudizzjarja ta' l-imputat, dan ighodd biss ghad-dikjarazzjoni ta' reita u ghall-provvedimenti eżekutivi tas-sentenza affiċjenti l-post rekwiżizzjonat li jistghu jittiehdu skond l-Att, imma mhux ukoll ghall-kundanna; b'mod illi l-kundanna ma tistax tiġi afflitta lir-rappreżentant, imma l-kawża ghandha tiġi aġġornata sa ma l-persuna rappreżentata tkun fi stat li tiġi proċessata.*

L-imsemmija Eliża Cesareo ġiet ċitata quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta sabiex tirrispondi ghall-imputazzjoni illi naqset illi tobdi, bla raġuni leġittima, "requisition order" no. 9587, billi naqset li tikkunsinna lill-Housing Commissioner id-dar nru. 142, Main Street S. Ġiljan, fiż-żmien moghti lilha fl-istess "requisition order";

Fit-28 ta' Gunju 1949 il-Qorti t'Isfel tat digriet li bih ordnat li ċ-ċitazzjoni tiġi notifikata lil Carmelo Cesareo bhala rappreżentant ta' Eliża Cesareo, billi l-post kien urġentement rikjest mill-Housing Commissioner;

Bis-sentenza taghha tas-26 ta' Lulju 1949 dik il-Qorti sabet lill-imputat hati (sic) u kkundannatu ghal multa ta' £5,

u tatu żmien xahar biex jikkonforma ruħu mal-liġi taħt penali ta' nofs lira kuljum għall-każ ta' dewmien jew nuqqas;

Sar appell tant minn Eliża u Carmelo Cesareo, kemm mill-Attorney General;

Eliża Cesareo talbet li tiġi liberata mill-imputazzjoni; Carmelo Cesareo talab li jiġi liberat mill-pieni inflitti lilu; l-Attorney General talab li titneħħa l-kundanna ta' Carmelo Cesareo, li l-Qorti tordna li jsir mill-Pulizija dak li huwa fiżikament meħtieġ mil-liġi għas-spejjeż ta' Eliża Cesareo, salv ir-rimborż, u li, kwantu għall-applikazzjoni tal-piena, taġġorna l-każ sakemm Eliża Cesareo tkun fi stat li tista' tiġi proċessata;

Trattat l-appell, din il-Qorti kkunsidrat;

Il-pretest tad-difiża, li bir-rekwiżizzjoni tad-dar nru. 142 Main Street, St. Julian's, jiġi kreat speċi ta' "billeting" għad-dannu ta' Eliża Cesareo, għaliex dina d-dar hija kommunikata ma' dik nru. 143, ta' l-istess triq, ma hux sostenibili, għaliex, kif hemm dikjarat fis-sentenza appellata, verosimilment wara l-osservazzjoni viżwali tal-post magħmula mill-Maġistrat fl-okkażjoni tas-smiegħ tax-xhieda ta' l-istess Eliża Cesareo "in domo" fl-14 ta' Lulju 1949 (fol. 10), kull post (142 u 143) għandu bieb ta' barra u taraġ għalih, u ambjenti faċilment segregabili;

Kwantu għall-kundanna ta' Carmelo Cesareo, din ma hijiex skond il-liġi. Għalkemm l-Att nru. II ta' l-1949 jippermetti, bil-kondizzjonijiet minnu speċifikati fl-art. 19 (1), ir-rappreżentanza ġudizzjali ta' l-imputat, dan jgħodd biss għad-dikjarazzjoni ta' reità u għall-provvedimenti eżekutivi tas-sentenza affiċjenti l-post rekwiżizzjonat, li jistgħu jittieħdu skond l-Att, iżda l-istess art. 19, fit-tieni subartikolu tiegħu, igħid espressament (u din kienet l-isvista tal-Maġistrat) illi, kwantu għall-irrogazzjoni tal-piena, il-Qorti għandha taġġorna l-kawża sa ma dik il-persuna tkun fi stat li tiġi proċessata. Fost il-provvedimenti hemm dak tal-"physical compliance", imsemmi fit-tielet subartikolu ta' l-art. 17, invokat mill-Attorney General fir-rikors tiegħu ta' l-appell — provvediment li però għandu jingħata bit-terminu solitu;

Għalhekk il-Qorti tipprovvedi fuq iż-żewġ appelli;

Billi tikkonferma d-dikjarazzjoni ta' reità ta' Eliża Cesareo, u, kwantu għaliha, tirrimetti l-kawża lill-Qorti ta' Issfel, bid-direzzjoni li l-kawża tinżamm aġġornata sa ma l-istess Eliża Cesareo tkun fi stat li tista' tiġi proċessata (art. 19 (2) ta' l-Att );

Billi tħassar kull piena u penali imposta *fuq* Carmelo Cesareo ;

Billi tawtorizza l-proċedura sanċita fit-tielet subartikolu ta' l-art. 17, kemm-il darba ċ-ċwievet tal-post ma jiġux konsenjati lill-Housing Commissioner żmien għoxrin ġurnata mil-lum.